



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Jannar 2019
(OR. en)

15749/18

LIMITE

CORLX 660
CFSP/PESC 1222
FIN 1041
MAMA 233
MOG 82
CONOP 124

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li
tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544
li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni
u l-użu ta' armi kimiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544¹.
- (2) Minħabba t-theddida kontinwa ppreżentata mill-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi, jenħtieġ li disa' persuni u entità waħda jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544.
- (3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25).

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni (PEŠK) 2018/1544 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNES

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin huma miżjuda mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544:

A. PERSUNI FIŻIĊI

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
1. Tariq YASMINA	magħruf ukoll bħala: Tarq Yasmina ياسمينه طارق Sess: raġel Titlu: Kurunell; Nazzjonalità: Sirjana	Tariq Yasmina jaġixxi bħala l-uffiċjal ta' kuntatt bejn is-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) u l-Palazz Presidenzjali, u, bħala tali, huwa mdaħħal fl-użu u t-tħejjijiet għall-użu ta' armi kimiċi mir-reġim Sirjan.	+
2. Khaled NASRI	magħruf ukoll bħala: Mohammed Khaled Nasri; Haled Natsri; خالد نصري محمد خالد نصري Sess: raġel Titlu: Kap tal-Istitut 1000 tal-SSRC; Nazzjonalità: Sirjana	Khaled Nasri huwa d-Direttur tal-Istitut 1000, it-taqsim tas-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' sistemi tal-informatika u elettroniki għall-programm ta' armamenti kimiċi tas-Sirja.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
3. Walid ZUGHAIB	magħruf ukoll bħala: Zughib, Zgha'ib, Zughayb; وليد ز غيب Titlu: Dottor, Kap tal-Istitut 2000 tal-SSRC; Sess: raġel Nazzjonalità: Sirjana	Walid Zughaib huwa d-Direttur tal-Istitut 2000, it-taqsim tas-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) responsabbli għall-iżvilupp mekkaniku u l-produzzjoni għall-programm ta' armamenti kimiċi tas-Sirja.	+
4. Firas AHMED	magħruf ukoll bħala: Ahmad; فراس أحمد Titlu: Kurunell, Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtà fl-Istitut 1000 tal-SSRC; Sess: raġel Data tat-twelid: 21 ta' Jannar 1967; Nazzjonalità: Sirjana	Firas Ahmed huwa d-Direttur tal-Uffiċċju tas-Sigurtà tal-Istitut 1000, it-taqsim tas-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' sistemi tal-informatika u elettroniki għall-programm ta' armamenti kimiċi tas-Sirja. Kien imdaħħal fit-trasferiment u l-ħabi ta' materjali marbuta ma' armamenti kimiċi wara l-adeżjoni tas-Sirja mal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
5. Said SAID	magħruf ukoll bħala: Saeed, Sa'id Sa'id, سعيد سعيد Titlu: Dottor, membru tal-Istitut 3000 (magħruf ukoll bħala l-Istitut 6000 magħruf ukoll bħala l-Istitut 5000) tal-SSRC; Sess: raġel Data tat-twelid: 11 ta' Diċembru 1955	Said Said huwa figura sinifikanti fl-Istitut 3000 magħruf ukoll bħala l-Istitut 6000 magħruf ukoll bħala l-Istitut 5000, it-taqsimat-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armamenti kimiċi tas-Sirja.	+
6. Anatoliy Vladimirovich CHEPIGA	Анатолий Владимирович ЧЕПИГА, magħruf ukoll bħala Ruslan BOSHIROV Sess: raġel Dati tat-twelid: 5 ta' April 1979; 12 ta' April 1978 Postijiet tat-twelid: Nikolaevka, Amur Oblast, Russja; Dushanbe, Taġikistan	Anatoliy Chepiga (magħruf ukoll bħala Ruslan Boshirov), uffiċjal tal-GRU, kellu fil-pussess tiegħu, ittrasporta, u mbaġħad, fi tmiem il-ġimgħa tal-4 ta' Marzu 2018, f'Salisbury, uża aġent nervin tossiku ("Novichok"). Fil-5 ta' Settembru 2018, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni tal-Kuruna tar-Renju Unit akkuża lil Ruslan Boshirov b'komplott biex jinqatel Sergei Skripal; bl-attentat ta' qtil ta' Sergei Skripal, Yulia Skripal u Nick Bailey; bl-użu u l-pussess ta' Novichok; u b'offiża gravi intenzjonata fuq il-persuna ta' Yulia Skripal u fuq il-persuna ta' Nick Bailey.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
7. Alexander Yevgeniyevich MISHKIN	Александр Евгеньевич МИШКИН, magħruf ukoll bħala Alexander PETROV Sess: raġel Data tat-twelid: 13 ta' Lulju 1979 Postijiet tat-twelid: Loyga, Russja; Kotlas, Russja	Alexander Mishkin (magħruf ukoll bħala Alexander Petrov), uffiċjal tal-GRU, kellu fil-pussess tiegħu, ittrasporta, u mbagħad, fi tmiem il-ġimgħa tal-4 ta' Marzu 2018, f'Salisbury, uża aġent nervin tossiku ("Novichok"). Fil-5 ta' Settembru 2018, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni tal-Kuruna tar-Renju Unit akkużah b'komplott biex jinqatel Sergei Skripal; l-attentat ta' qtil ta' Sergei Skripal, Yulia Skripal u Nick Bailey; użu u pussess ta' Novichok; u offiża gravi intenzjonata fuq il-persuna ta' Yulia Skripal u fuq il-persuna ta' Nick Bailey.	+
8. Vladimir Stepanovich ALEXSEYEV	Владимир Степанович АЛЕКСЕЕВ Sess: raġel Titlu: L-Ewwel Viċi Kap tal-GRU	Vladimir Stepanovich Alexseyev huwa L-Ewwel Viċi Kap tal-GRU (magħruf ukoll bħala l-ĠU). Minħabba r-rwol ta' tmexxija flivell għoli tiegħu fil-GRU, Alexseyev huwa responsabbli għall-pussess, trasport u użu f'Salisbury, fi tmiem il-ġimgħa tal-4 ta' Marzu 2018, tal-aġent nervin tossiku "Novichok" minn uffiċjali tal-GRU.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
9. Igor Olegovich KOSTYUKOV	Игорь Олегович КОСТИУКОВ Sess: raġel Titlu: Kap tal-GRU	Igor Olegovich Kostyukov, minħabba r-rwol ta' tmexxija f'livell għoli tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tal-GRU (magħruf ukoll bħala l-ĠU) f'dak iż-żmien, huwa responsabbli għall-pussess, trasport u użu f'Salisbury, fi tmiem il-ġimgħa tal-4 ta' Marzu 2018, tal-aġent nervin tossiku "Novichok" minn uffiċjali tal-GRU.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

B. PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
1. Scientific Studies and Research Centre (SSRC)	magħruf ukoll bħala Centre d'Études et de Recherches Scientifiques (CERS), Centre de Recherche de Kaboun Indirizz: Triq Barzeh, PO Box 4470, Damasku	Is-Scientific Studies and Research Centre (SSRC) huwa l-entità prinċipali tar-reġim Sirjan għall-iżvilupp ta' armamenti kimiċi. L-SSRC huwa responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi kimiċi, kif ukoll il-missili li jgħorruhom, li jintużaw f'għadd ta' siti fis-Sirja.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.